# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tat-2 ta' Ottubru 2001**

Citazzjoni numru 205/1996

Id-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt

-vs-

John Vella bhala kuratur nominat b'digriet tat-12 ta' Gunju 1996 biex jirrapprezenta lill-assenti Alfred Keck

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attur li taqra:

"illi ai termini ta' l-att numru IV ta' l-1992 l-attur huwa proprjetarju ta' l-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Gebel Wieqaf" sive "Tal-Margia", fil-limiti tal-Qala liema ghalqa hija mikrija bi qbiela lill-eredi ta' Giuseppi Micallef.

Illi l-konvenut abbusivament qabad u carrat hajt kif ukoll fetah tieqa mill-proprjeta' tieghu stess u cioe' dik bin-numru 31, Cross Street, Qala, Ghawdex ghal fuq l-ghalqa fuq riferita.

Illi l-konvenut kkommetta molestja in vjolazzjoni tal-pussess ta' l-art fil-konfront ta' l-attur.

Talab ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ikkommetta molestja vjolenti u klandestin fil-konfront u ghad-dannu ta' l-attur bit-ticrit ta' bieb u bil-ftuh ta' tieqa ghal fuq il-proprjeta' ta' l-attur kif fuq spjegat u konsegwentement;

2. Tordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilu prefiss mill-Qorti jirriprestina l-istat ta' bejn il-kontendenti fir-

rigward ta' l-imsemmija ghalqa ghall-istat li kienet fih qabel ikkommetta l-molestja;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri kompetenti lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament guramentata;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:

1. illi l-agir ta' l-eccipjent ma jikkostitwix spoll u lanqas jirrikorru l-estremitajiet rikjesti mil-ligi ghall-ezercizzju ta' kawza ta' spoll u cioe' l-molestja jew vjolazzjoni ta' pussess, l-animus spogliandi, il-klandestinita ta' l-att u l-ezercizzju ta' l-azzjoni fi zmien xahrejn mill-ispoll.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Il-bazi ta' l-azzjoni ttentata mill-attur hija l-allegata "molestja in vjolazzjoni tal-pussess ta' l-art" ossija ghalqa maghrufa bhala "Tal-Gebel Wieqaf" sive "tal-Margia" limiti tal-Qala li l-attur jistqarr hija proprjeta' tieghu bis-sahha ta' l-Att IV ta' l-1992 u liema ghalqa tinsab mikrija bi qbiela lill-eredi ta' Giuseppi Micallef. L-ilment tieghu hu ahjar imfisser fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni tieghu annessa mac-citazzjoni fejn testwalment jinghad li "minn informazzjoni li waslet f'dan l-ufficju (ossia l-ufficju konguntiv imwaqqaf bl-Att fuq citat) mill-istess eredi ta' Giuseppi Micallef il-konvenut abbusivament qabad u carrat hajt kif ukoll fetah tieqa mill-proprjeta' tieghu stess u cioe' dik bin-numru 31, Triq is-Salib, Qala, Ghawdex ghal fuq l-ghalqa fuq riferita". In sostenn ta' dan l-attur ipproduca bhala xhud lil Antoine Pace qua rapprezentant ta' l-Ufficcju Konguntiv li esebixxa zewg ritratti u spjega li z-zewg aperturi (gallerija u bieba fir-ritratt dok A) ma kienux jezistu u lanqas il-veranda (ritratt dok B) biswit l-istess li stqarr li kienet gandott u "illi l-proprjetajru tal-bini (ossija l-konvenut) radam". Fi kliem iehor huwa proprju dan l-irdim tal-gandott li l-atturi qeghdin jikkonsidrawh bhala molestja fil-pussess taghhom ta' l-imsemmi gandott. Dan, il-Qorti qeghdha tghid li hu l-kaz, billi x-xhud kompla biex stqarr li "l-proprjeta' taghna tasal sar-

“Retaining wall”  illi jidher fir-ritratt “B”  imbaghad hemm il-gandott u tibda l-proprjeta’ ta’ Keck (cioe’ l-konvenut)  [li] pero’ mhux talli bena biss fil-proprjeta’ tieghu talli bena wkoll f’dan il-gandott u gie ezattament fuq ir-retaining wall ta’ l-ghalqa taghna”.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-atturi bbazaw il-kawza fuq dak li jiddisponi l-Artikolu 534 tal-Kodici Civili  (Kap  16) li jipprovdi li “kull min, waqt li jinsab fil-pussess ta’ liema xorta jkun ta’ haga immobbli  …..  jigi mmolestat f’dak il-pussess, jista’ fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f’dak il-pussess, basta ma jkunx ha b’idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b’tiolu prekarju”.  Jigifieri l-attur istitwixxa  l-“actio manutentionis” li tirrikjedi li hu jipprova t-tliet elementi li jiddistinguha, li huma  -  li huwa kien, f’dan il-kaz, fil-pussess tal-gandott; li gie molestat f’tali pussess;  u li istitwixxa l-azzjoni matul perjodu ta’ sena mill-molestja.

Illi fuq il-bazi ta’  dawn  it-tliet elementi din il-Qorti thoss li tista’ tieqaf hawn minghajr il-bzonn li tidhol aktar fil-fond u dana stante li mill-provi in atti, anke mid-dokumenti li din il-Qorti ammettiet lill-attur li jigu prezentati wara l-gheluq tal-provi tieghu, l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma giet pruvata.  Anzi ghal dak li huwa t-terminu meta l-azzjoni kellha tinbeda x-xhud fuq riferit jistqarr  li “l-ufficcju taghna gie a konoxxenza ta’ dawn l-irregolaritajiet fis-6 ta’ Settembru 1995 u l-kawza hu istitwiha fis-26 ta’ Settembru ta’ sena wara, cioe’ meta kienet gia skorriet is-sena.

Ghalhekk it-talbiet attrici m’ghandhomx fondament u l-Qorti qeghdha tichadhom bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft.) A.  Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur